HAL BALZAN

IT-TIELET SENA Nru. 14 — LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — NOVEMBRU/DIĊEMBRU 1973

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN (14)

IL-KNISJA PARROKKJALI (2)

minn Dun Gwann Dimech

META BEDA L-HSIEB LI TINBENA L-KNISJA PARROKJALI

L-EWWEL TAGHRIF LI GHANDNA DWAR IL-HSIEB LI TINBENA L-KNISJA PARROKKJALI NSIBUH FIR-RIKORS LI KIEN ĠIE PPREŻENTAT LILL-ISQOF MONS. FRA MIKIEL BALAGUER FIS-SENA 1655 MIŻ-ŻEWĠ PROKURATURI TAL-KNISJA TA' HAL BALZAN, IL-KJERIKU MARCO ANTONIO CHETCUTI U PIETRO MICALLEF DAWN KIENU ĠEW MAGHŻULIN MILL-BALZANIN BIEX F'ISEM IL-POPLU KOLLU JITOLBU LIL DAN L-ISQOF BIEX JIFRED LIL HAL BALZAN MILL-MATRIĊI TA' BIRKIRKARA U JAGHMLU PARROĊĊA GHALIH. FIT-TMIEM TA' DAN IR-RIKORS INSIBU LI: "IT-TWAJBA GIOVANNA CHETCUTI THALLI L-ART MAGHRUFA B'"TA' HAUISCA" KIF UKOLL LEGATI OHRA BL-ISKOP LI TINHOLOQ PREBENDA GHALL-KAPPILLAN, TIĠI MEGHJUNA L-VENERANDA LAMPADA, KIF UKOLL BIEX TINBENA KNISJA PARROKKJALI ĠDIDA." (1) DAN JURI LI ERBATAX-IL SENA QABEL IT-TQEGHID TA' L-EWWEL ĠEBLA TA' DIN IL-KNISJA PARROKKJALI KIEN HEMM MIN XTAQ LI TINBENA. ANZI DIN IX-XEWQA NTWERIET QABEL MA HAL BALZAN KIEN SAR PARROĊĊA GHALIH.

It-tieni insemmu li fid-digriet li l-E.T. Mons Isqof Balaguer hareġ biex bih jiddikjara t-twaqqif tal-Parroċċa taghna nhar l-14 ta' Awwissu 1655, huwa jaghti l-kunsens tieghu li tinbena din il-Knisja l-ġdida meta jghid: "Naqblu wkoll li tiġi mibnija Knisja Parrokkjali ġdida". (2)

Tliet snin wara, fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li kien ghamel il-Vigarju Ġenerali nhar it-12 ta' Diċembru 1658, tliet snin wara li l-Knisja ta' l-Annunzjata (il-qadima) kienet ilha sservi bhala parroċċa, huwa halla miktub: "Dicta ecclesia nuper parrochialem erecta parva et angustos pro capacitate populi" Bil-malti: "L-imsemmija knisja li ftit ilu saret parroċċa hija żghira u ċkejkna biex tesgha l-ghadd ta' nies ta' dan ir-rahal". (3)

Fil-Viżta Pastorali li saret wara dik tal-1658, jiġifieri fil-Viżta li saret nhar is-26 ta' Ġunju 1662, l-E.T. Mons. Isqof Balaguer reġa' baghat lill-Vigarju Ġenerali Mons. Alexander Bologna. Dak inhar il-Parroċċa ta' Hal Balzan kienet minghajr kappillan peress li Dun Adrijanu Zarb kien miet hames xhur qabel, nhar il-31 ta' Jannar tal-1662. Iżda kien hemm Dun Marju Calleja li kien qed jaghmilha ta' Vigarju Kurat. Meta dan il-Viżitatur ra l-Knisja ta' l-Annunzjata sab li kienet saret aktar żghira u reġa' ghal darb'ohra tenna l-istess kliem fir-relazzjoni tieghu, jiġifieri li l-Knisja ta' l-Annunzjata saret bil-bosta żghira ghan-nies. Din id-dikjarazzjoni kompliet qanqlet aktar l-entużjażmu tan-nies ghal knisja ġdida. (4)

Kien kważi Hal Balzan ser igħaddi sena minghajr Kappillan, taht il-kura ta' Dun Marju Calleja, kieku l-Isqof Balaguer ma lahhaqx, f'Diċembru tal-1662, bhala t-tieni kappillan ta' din il-Parroċċa lil Dun Dumink Ellul minn Hal Kirkop. Jidher ċar li bejn l-insistenza tan-nies u bejn l-entużjażmu qaddis dan il-habrieki kappillan ried mill-aktar fis jara l-bidu tal-Knisja l-ġdida. Ghalhekk kif lahaq kappillan insista ma' l-Isqof Balaguer biex jaghti l-permess ghall-bini ta' dan it-tempju. Minn rikors li sibt dan l-ahhar fil-Kurja Arċiveskovili, sirt naf li nhar il-11 ta' Mejju tal-1663 l-Isqof Balaguer flimkien mal-Vigarju tieghu Mons. Alessandro Bologna ġew jaghmlu żjara lill-Knisja ta' l-Annunzjata l-qadima. Dak inhar il-Knisja kienet miżghuda bin-nies u ghalhekk middehra l-Isqof issa seta' jara sewwa b'ghajnejh kemm kienet żghira ghan-nies din il-Knisja. Il-Vigarju Ġenerali kien ilu jarah dan, kif ġarajna qabel fir-relazzjonijiet li ta tal-Viżti li kien ghamel hu drabi ohra. Iżda issa l-Isqof seta' jipperswadi ruhu minn dan. (5)

Irrid nimmaġina kemm in-nies ta' Hal Balzan, li kienu hekk herqanin li jibnu Knisja ġdida, iffullaw u trassew fil-Lunzjata l-qadima, li żgur li ma kienx hemm fejn taqa' labra, biex b'hekk setghu jaghtu xhieda lill-Isqof u lill-Vigarju kemm kienet żghira ghalihom dik il-Knisja Parrokkjali!

Referenzi:

1. BALAGUER M.: Visit. Past. fol 165. Ark, Arċiv.
2. Ibid.
3. BALAGUER M.: Visit. Past. fol 147. Ark. Arċiv.
4. Ibid. fol 224.
5. SUPPLICHE (1668) Kanċellerija Kurja Arċiv.

TITLIFHOMX!
KORS TA' LAQGHAT GHAL KULHADD FIL-KNISJA TAL-LUNZJATA NHAR TA' HADD FIS-7.00 P.M.
Jitkellmu Membri tal-M.U.S.E.U.M.

1948 — 1973

Il-Qanpiena l-Kbira ta' Hal Balzan, li tiġi t-tielet wahda mill-ikbar qniepen ta' Malta, tiżen 55 qantar u nofs. Inhadmet mid-ditta Paccard ta' Annecy fi Franza fis-sena 1948. Fir-ritratt tidher fuq iz-zuntier tal-Knisja qabel ittellghet fil-Kampnar. (Ara paġna 4).

BIDU TAJJEB GHALL-'BALZAN YOUTHS'

Kif jaf kulhadd, il-klabb tal-**'Balzan Youths'** qeghdin niehdu sehem fil-lig tat-Tielet Diviżjoni, tar-Reserves, u tal-Minors. L-aktar li wiehed ghandu xi jghid dwar it-tim tat-'Third'. Qabel xejn irrid nghid li dan l-artiklu qieghed niktbu qabel il-loghba mas-**Sirens**.

Nistghu nghidu li dan l-istaġun kellna bidu tassew tajjeb, u dan wiehed jista' jarah mir-riżultati li ksibna u li ninsabu minn ta' quddiem fil-klassifika. Ahna bdejna b'rebha sabiha ta' 2-0 kontra **Naxxar Lions**, tim qawwi u li ghandu ċans kbir ghar-rebh tas-Sezzjoni. Wara dan ir-riżultat lghabna mas-**Siġġiewi F.C.** fejn ksibna riżultat ta' draw, riżultat li kompla ghollielna l-moral ghal-loghba kontra **St. Venera Lightnings,** loghba li rnexxielna nirbhu 1-0. Hawnhekk ġejna biex nilaghbu kontra **St. Peter's** tim li kien qieghed fl-ahhar tal-klassifika u li kien ghadu lanqas rebah loghba. U hawn kellna l-isfortuna li nitilfu l-loghba bl-iskor ta' 1-0.

Dwar din il-loghba, li qajmet hafna nkwiet bejn is-'supporters' u ċertu plejers, nghidu li kienet sajjetta fil-bnazzi. Dan ġara ghax hadd ma haseb illi sejrin nitilfu din il-partita; però wiehed ma jridx jinsa illi fil-futbol kollox jista' jiġri, u li tim illum jew ghada bilfors jitlef xi loghba. Hawnhekk nixtieq nghid xi haġa lis-'supporters' biex iżommu l-kalma, u lill-plejer mhux la kemm taqbad u tghajru 'mixtri', anzi meta naraw li plejer qed jilghab hażin naghmlulu l-kuraġġ, u mbaghad jekk plejer jibqa' jilghab hażin inhallu f'idejn il-kumitat sabiex ibiddel lil dan il-plejer.

Ghalhekk naghlaq dan l-artiklu billi ninghaqad maghkom sabiex naghtu s-'support' taghna ta' veri Balzanin lit-timijiet taghna. FORZA BALZAN YOUTHS.

Law. Scicluna.

NIFIRHU LIL . . .

* **Is-Sur Anthony Fenech,** li ghadu kemm rebah Midalja tal-Bronż fl-Esibizzjoni Internazzjonali tal-Bolli li saret f'Poznan, il-Polonja. Is-Sur Fenech ha sehem fil-POLSKA 73 b'kollezzjoni ta' bolli Ingliżi, Taljani, Franċiżi u Eġizzjani li kienu wżati f'Malta.

* **Is-Sur Gabriel Caruana,** ghas-suċċess li kellu fl-esibizzjoni tax-xoghlijiet tieghu ta' skultura u ċeramika. L-esibizzjoni saret fil-'Malta Hilton' u kienet miftuha bejn il-5 u l-31 ta' Ottubru.

VALLEY BUTCHER
JOHN PULLICINO
FOR FIRST CLASS MEAT AND SERVICE
121, VALLEY ROAD, BALZAN
Tel.: 42066

ATTENTI TFAL! TPINĠIJA BI PREMJU TA' NOFS LIRA!

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel',
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

Editorjal

★ IL-MILIED

Il-Milied reġa' magħna. U t-tħejjijiet għal din il-festa kbira jinsabu fl-aqwa tagħhom. Għax jekk hawn festa li kulħadd iħossu fid-dmir li jħejji ruħu għaliha hija l-festa tal-Milied. Il-Milied irridu nħarsu lejh minn żewġ aspetti — l-aspett reliġjuż u l-aspett ċiviku u soċjali.

Il-Milied huwa l-ewwel u qabel kollox festa reliġjuża, festa li titlob minna li nagħtu ħarsa mill-qrib lejna nfusna u naraw f'hiex aħna fir-relazzjonijiet tagħna mal-Mulej li tant ħabbna li bagħat 'l Ibnu biex fdiena.

Bħala festa soċjali, il-Milied jitlob minna li nġibu ruħna b'mod differenti ma' sħabna, ma' qrabatna, u mal-familjari tagħna, jitlob minna li noħolqu madwarna ambjent differenti mill-bqija tas-sena. Dan l-ambjent noħolquh billi ninsew in-nuqqas ta' qbil u l-firdiet li jeżistu bejnietna, billi nibagħtu x-xewqat tagħna lil xulxin, u billi nżejnu djarna b'dik ix-xi ħaġa mhix tas-soltu. It-tiżjin tad-djar tagħna fi żmien il-Milied mhix xi ħaġa li għadda żmienha; b'hekk il-lum ħafna ħwejjeġ għeżież qegħdin imutu, għax aħna minn rajna għoġobna ngħidu li għadda żmienhom. U qabel kull tiżjin ieħor profan, ma ninsewx narmaw il-presepju jew ta' l-inqas Bambin sabiħ — u jekk hu possibbli dawn narmawhom f'post fejn jidhru minn barra, ħalli b'hekk nagħtu ġehra sabiħa u ta' ferħ lit-toroq tagħna wkoll.

Ma nistgħux ma nsemmux ukoll id-dimostrazzjoni bil-Bambin li ssir fir-raħal tagħna lejlet il-Milied mill-membri tas-Soċjetà tal-Museum. Din il-purċissjoni tant devota llum nistgħu ngħodduha bħala l-attrazzjoni ewlenija tal-Milied fil-parroċċa tagħna, u fil-parroċċi l-oħra fejn issir. Għalhekk inħeġġu lill-Balzanin kollha sabiex jieħdu sehem f'din id-dimostrazzjoni u jieħdu 'l uliedhom għaliha.

Nagħtu l-isbaħ xewqat tagħna għall-Milied u s-sena l-ġdida lill-qarrejja tagħna kollha u n-nies kollha ta' Ħal Balzan.

★ NUQQAS TA' INTERESS

Ktibna fuq li ktibna fuq il-bruda u n-nuqqas ta' interess li jaħkmu fl-imħuħ ta' xi Balzanin lejn dak kollu li jsir fir-raħal. Meta qabel konna nisimgħu lil xi ħadd igħid li n-nies ta' Ħal Balzan huma berdin u tqal biex ilissnu kelma ta' kuraġġ lil min ikun qed jaħdem għall-ġid, konna ngħidu li kien qed jesaġera; imma llum dan qed immissuh b'idejna. In-nuqqas ta' interess li jidher f'uħud huwa xi ħaġa li ma titwemminx Ma jaslux li jiskoraġġixxu u jfixklu, iżda lanqas igħinu b'kelma ta' ġid għax f'moħħhom għandhom l-ideja li "f'Ħal Balzan qatt ma jsir xejn".

Iżda bl-imġieba tagħhom qiegħed isir xi ħaġa? Qegħdin jindenjaw ruħhom imiddu jdejhom, jew għall-inqas jagħmlu l-qalb lil min qed jipprova jagħmel xi ħaġa? Nies ta' din ix-xorta mhumiex ħafna, u allaħares kienu! Biss ukoll f'oħrajn wieħed ma jsibx dak l-interess li jistenna.

Xi drabi tinnota aktar interess f'min mhux mir-raħal milli fin-nies tar-raħal stess. Dan l-aħħar irċevejna ittra mingħand il-Kav. Joseph Borg, K.M., Ph.C., L.P., F.R.S.H., F.Inst.Pet., mill-Imsida, li fiha, wara li ferħilna għax-xogħol tagħna, bagħtilna l-lista tal-kappillani kollha li mexxew il-parroċċa ta' Ħal Balzan flimkien ma' xi tagħrif ieħor dwarhom. L-ittra tal-Kav. Borg tabilħaqq imlietna bil-kuraġġ għax rajna l-interess tiegħu. Għalhekk nixtiequ nroddulu ħajr pubblikament u nweġħduh li t-tagħrif li bagħtilna, li huwa frott ta' studju li huwa għamel, nippublikawh fil-ħarġa li jmiss ta' din il-gazzetta. Aħna żguri li l-qarrejja tagħna jieħdu pjaċir jaqraw dan it-tagħrif interessanti. Nixtiequ nroddu ħajr ukoll lis-Sur Karmenu Penza għall-artiklu tiegħu dwar il-Balzani msemmi, il-Prof. John Borg, li qed jidher f'din il-ħarġa.

FOR
WHITER
WASH
SPEL

IL-PROFESSUR JOHN BORG, M.A., M.D.

minn Karmenu Penza

BNIEDEM LI, MINGĦAJR L-EBDA DUBJU, GĦAMEL ĠIEĦ LIL PAJJIŻU U LI FIS-SEWWA KOLLHA JISTĦOQQLU JISSEJJAĦ "MISSIER IL-ĠONNA" HUWA L-PROFESSUR JOHN BORG, M.A., M.D., LI DIN IS-SENA QEGĦDIN INFAKKRU GĦELUQ IL-MITT SENA MIT-TWELID TIEGĦU.

Il-Prof. John Borg twieled f'Ħal Balzan fid-9 ta' Novembru 1873, u miet fl-4 ta' Mejju 1945, fil-għomor ta' 72 sena, iben Angelo Borg u Josephine imwielda Zammit.

Il-Professur, wara li għadda mill-Matrikola, beda l-kors tal-Mediċina. Wara tliet snin ħa l-grad tal-'Master of Arts' u wara sar tabib u ħa l-lawrja fl-1898. Hu kien tabib tajjeb, iżda l-ġibda għall-istorja naturali kienet imnissla fih, u din il-ħaġa ma ħallihiex taħrablu. Il-Gvern impjegah bħala Suprintendent tal-Ġonna u tal-Pjantaġjon.

IRRANĠA L-ĠONNA

Issa naraw ftit x'għamel għall-ġid ta' pajjiżu. Irranġa l-Ġnien ta' San Anton li kien fi stat li jġiblek ħniena, fetaħ passaġġi, għamel is-serer. Is-serra l-kbira kienet imgħammra bl-isbaħ kollezzjonijiet ta' pjanti; serra oħra għall-Orchide, li huma pjanti rari ferm, u bosta siġar oħra ornamentali. Għamel post għall-Kamelju u l-Ġardenji.



Il-Balzani magħruf, Prof. John Borg, M.A., M.D. (1873-1945)

Il-ġonna f'Malta kienu dawk ta' San Anton, iż-żewġ Barrakki, u l-Mall. Dawn kienu mimlija bis-siġar biss, u l-Professur taħom is-sura ta' ġonna. Issa nsemmu l-ġonna li għamel hu. Il-Furjana, Rundell Garden (li llum 'parking' tal-karozzi), Pjazza Meratore, u l-ġnien tal-Milorda. Il-ġnien tar-Rabat (Howard Garden), il-Buskett żied kwantità ta' siġar u wkoll żied l-art, Luqa Briffa Garden (Żejtun), il-ġnien tal-Kmanda (Lija), il-Katakombi tar-Rabat, l-'Experimental Farm' tal-Gvern (Għammieri), Rundell Garden (Rabat, Għawdex), siġar fit-toroq ta' Malta u Għawdex, il-biċċtejn ġonna fid-daħla tal-Bombi, il-ġnien tal-Blata l-Bajda (Spencer Garden), u Hastings Garden.

'Nurseries': waħda ħdejn iċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata, tnejn taħt l-Argotti, il-Ġnien tas-Sultan, il-Belt (illum grawnd tal-futbol), għelieqi bid-dwieli Amerikani f'Ħal Tarxien, il-Buskett u fejn iċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.

Issa wara li għedna x'għamel, naraw x'kiteb u x'teżor ħalla għall-Malti:

1. Catalogo Regionato delle piante di San Antonio.
2. Il-Biedja tad-Dwieli Amerikani.
3. Fruit Trees in the Maltese Islands.
4. Gardening in Malta.
5. Il-Biedja u l-Mard ta' l-Agrumi (1890).
6. Scale Insects of the Maltese Islands.
7. Disease of Orange Trees and their Treatments.
8. La Nuova Stagione della Melitella Pusilla.
9. Gumming (Daily Malta Chronicle 1896).
10. The Rose Mildew (Daily Malta Chronicle 1898).
11. Report of San Antonio Garden (1900).
12. The Periodical Phenomena of Plant Life in Malta.
13. Roses Notes and the Fungi that attack Roses (1910).
14. Remains of the Prehistoric Flora of Malta.
15. Agriculture and Horticulture in Malta (Malta and Gibraltar — 1915).
16. Fisheries in Malta (Malta and Gibraltar — 1915).
17. The Cultivation of Bulbs and of Palms and Cycods, żewġ diskorsi twal, wieħed fl-1920 fil-Villa Grech Mifsud il-Mosta, u l-ieħor fl-1921 fil-ġnien privat tal-Gvernatur.
18. Flora of the Maltese Islands (1927).
19. Kakti, a Gardener's Handbook for their Identification (1927).
20. The cactus (1933).

Dan kien l-aħħar ktieb li kiteb il-maħbub u qatt minsi minni, il-Professur Borg, u ġie stampat fl-Ingilterra għand Macmillan. Dan hareġ tliet darbiet.

KOLLEZZJONI FAMUŻA

Barra dan, ħalla għall-Ġnien Botaniku ta' l-Argotti l-erbarju tal-Flora Maltija kollha. Ħalla l-kotba tal-librerija tiegħu lill-Biblijoteka tal-Gvern. Barra dan, il-Professur u l-ġentili sinjura tiegħu ħallew legat ta' £4,000 sabiex bir-renti tagħhom dak l-istudent li jġib l-aħjar ikun jista' jmur jistudja barra. Ħalla wkoll għall-Universita' mikroskopju sabiħ, komplut minn kollox, bl-istand u l-għodod kollha meħtieġa.

Fl-aħħarnett, dal-benefattur għoġbu jħalli lill-Ġnien Botaniku ta' l-Universita' l-famuża kollezzjoni tal-Kaktus u tas-Sukkulenti — rigal ta' 4,000 pjanta li fiħom hemm 600 speċi differenti. Dan ir-rigal issiġilla l-imħabba li għandu lejn il-Ġnien Botaniku.

Fl-1919, il-Prof. John Borg ġie magħżul mill-Gvern biex ikun Suprintendent ta' l-Agrikultura. Kienet għażla ferm f'lokha. Dan malajr irranġa dan id-dipartiment, ġieb għodod ġodda, waqqaf taqsima tal-mard tal-pjanti msejħa 'Patholiġia', u għamel daqsxejn ta' rivista li kienet toħroġ kull xahar, li kien jisimha "Melita Agrikola".

F'dak iż-żmien, l-'Experimental Farm' kien fir-raba' ta' l-Imgieret, iżda hu malajr ħaseb biex dan il-qasam ikun f'xi post aħjar. Għaldaqstant, għamel l-Għammieri.

Fl-1921, il-Gvern innomina lill-Professur Borg sabiex jokkupa l-katedra ta' l-Istorja Naturali fl-Universita' Rjali, kariga li aktar kompliet tħeġġeġ il-qalb tal-Professur Borg issa li aktar sab iċ-ċentru tiegħu, għar-raġuni li beda jagħti l-għerf li jippossiedi lil ħaddieħor.

F'din il-kariga l-Professur dam tnax-il sena, u jien li qed nikteb das-sempliċi artiklu kelli x-xorti li ngawdih għal tnax-il sena u kont nassisti għal-'lectures' tiegħu tal-Botanika, Żooloġija, Ġeoloġija u Botanika Medika, u għandi l-unur ngħid u għandi raġun infaħħar lil dal-bniedem għaliex il-ftit li naf nafu minnu.

Issa, wara li spjegajt xi ftit mill-ħajja ta' dan il-kbir benefattur Malti, nitlob lill-Gvern sabiex din is-sena, li l-Prof. Borg jagħlaq 100 sena mit-twelid tiegħu, bħala rikonoxxenza għal dal-bniedem jistampa bolla kommemorattiva, u jibdel l-isem tat-triq fejn kien joqgħod — Sqaq it-Twil — billi jsemmiha 'Triq il-Prof. John Borg'. Nispera li dit-talba umli tiegħi l-Gvern jaċċettaha bil-qalb.

Nixtiequ ngħarrfu lis-Sur Karmenu Penza li l-'Kunsill Ċiviku — Balzan', fil-Laqgħa Ġenerali ta' nhar l-Erbgħa 18 ta' Lulju 1973, issuġġerixxa xi ismijiet sabiex jitressqu quddiem il-kumitat inkarigat mill-ismijiet tat-toroq. Fost ħwejjeġ oħra, il-Kunsill Ċiviku tagħna ppropona li waħda mit-toroq ġodda tar-raħal tissemma għall-Prof. John Borg, M.A., M.D.

Ħsieb Spiritwali:

IL-MILIED

Għadna ftit 'il bogħod minnu, imma ġa tinħass fl-arja xi ħaġa li tfakkarna fih: il-Milied, l-isbaħ żmien tas-sena kollha, tant mill-aspett reliġjuż, kif ukoll mill-aspett ċiviku.

Ħafna ġa bdew jibagħtu, u wħud ġo bagħtu lil nieshom u 'l ħbiebhom fil-bogħod, ix-xewqat tajba għall-Milied. Hemm dawk li qegħdin jaħsbu għat-tiżjin ta' darhom għall-festi; min qiegħed jaħseb biex jixtri r-rigali li jrid jagħti; kori u gruppi li qegħdin jagħmlu l-provi tal-kant u l-"carols"; hemm għaqdiet li qegħdin ilestu xi "pageant" jew xi "play" ... Nistgħu nibqgħu sejrin insemmu oħrajn, u l-litanija titwal. Imma, biżżejjed. Huwa fatt li kulħadd, b'mod jew ieħor, qiegħed iħejji ruħu għall-Milied.

Imma kemm huma dawk li t-tħejjijiet tagħhom qegħdin jagħmluhom fil-*veru spirtu* tal-Milied? Tgħidulix li kulħadd huwa ferħan għaliex qiegħed joqrob il-Milied, għaliex il-ferħ li wieħed iħoss f'dawn it-tħejjijiet jista' jkun biss ferħ 'soċjali', u dan m'huwiex il-*veru ferħ* li ġibilna u riedna nħossu Ġesù' fit-twelid tiegħu. Irridu ninżlu aktar fil-fond, u ngħawru fil-qalba tat-tifsira ġenwina tal-Milied, il-*messaġġ veru* tiegħu: GLORJA 'L ALLA, PAĊI LILL-BNEDMIN.

U dan huwa preċiżament il-messaġġ, it-tifsira, l-iskop tas-Sena Mqaddsa li l-Papa nieda għas-sena li ġejja, 1974, u ta' warajha: rikonċiljazzjoni ma' Alla u bejn il-bnedmin. Tingħata glorja 'l Alla meta l-bnedmin kollha jkunu wliedu tabilħaqq. Ikun hemm paċi tassew bejn il-bnedmin kollha meta lkoll igħinu bħal aħwa, ulied l-istess Missier.

Jiena, u int, kull wieħed u kull waħda minna, nistgħu u għandna, naħdmu biex il-bnedmin kollha jsiru tassew ulied Alla u aħwa bejniethom.

Kif nistgħu nagħtu lil xulxin ix-xewqat tajba tal-Milied (u nkunu sinċieri meta nagħmlu hekk) jekk f'qalbna ma ssal-tanx il-ħbiberija ma' Alla u ma' għajrna? Kif nistgħu nix-tiequ l-paċi lil xulxin jekk ma għandniex f'moħħna u f'għemilna din il-paċi ... ma' Alla ... u mal-proxxmu ... kollu?

I-isbaħ xewqat għall-festi tal-Milied minn għand

Il-Kappillan

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Din id-darba ħsibna li nvarjaw ftit il-kompetiz-zjoni li proprju nagħmlu għalikom, għalkemm jiddispjaċini ngħid li ftit ferm huma dawk it-tfal li jieħdu parti fiha. Għalhekk għal din id-darba, billi qed joqrob il-Milied, il-kompetizzjoni tagħkom se tkun tikkonsisti filli intom tpinġu kartolina tal-Milied, jew aħjar kif insejħulha 'Christmas Card', u l-aħjar waħda tieħu l-premju. Id-daqs tat-tpinġija għandu jkun dak ta' 'Christmas Card' u tista' tkun bil-lapis biss jew bil-kulur.

Ibagħtu t-tpinġija tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew im-pustawh intom stess fil-'letter-box' ta' l-istess każin. Tinsewx tniżżlu isimkom u l-indirizz tagħkom wara t-tpinġija. Għandkom żmien sas-Sibt, 22 ta' Diċembru, 1973.

It-tweġibiet tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa huma: 1. Lill-Professur John Borg, M.A., M.D. 2. Ħal Balzan. 3. Fis-sena 1873. 4. In-'Natural Hist. Soc., Cactus & Suc. Soc.' 5. Fl-14 ta' Mejju 1965.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni huwa *Stephen Far-rugia* li joqgħod "Dar is-Sliem", New Street off Old Railway Road, Ħal Balzan. Il-premju ta' nofs lira nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Nifirħu bil-membri ġodda tal-Parroċċa li saru ħutna f'Ġesu' Kristu permezz tal-Magħmudija

Christian-Henri Camilleri, bin Anthony u Mary, fil-5 ta' Settembru.
Wendy-Roberta Wallace, bint Frank u Mary, fis-7 ta' Settembru.
Jonathan Fenech, bin Joe u Frances, fit-8 ta' Settembru.
Elizabeth Mifsud, bint John u Mary, fit-12 ta' Settembru.
Stanley-John Farrugia Randon, bin Dr. Robert M.D. u Josephine L.P., fil-15 ta' Settembru.
Charmaine Psaila, bint George u Marija, fil-20 ta' Settembru.
Kevin-Robert Mifsud, bin Robert u Joan, fid-29 ta' Settembru.
Mark-Elroy Ciantar, bin Tony u Helen, fis-6 ta' Ottubru.
Silvana Attard, bint Laurence u Mary, fil-11 ta' Ottubru.
Joanna Calleja, bint Edward u Mary, fit-12 ta' Ottubru.
Katrina-Maria Borg Cardona, bint George u Jennifer, fit-12 ta' Ottubru.

Żwiġijiet li saru fil-Parroċċa: Nifirħu lil dawn il-koppji li ngħaqdu bis-sagrament taż-Żwieġ

Philip Agius u Mary-Anne Mallia, fit-22 ta' Settembru.
Reggie Galea u Antoinette Borg, fis-27 ta' Ottubru.
Charles Mercieca u Carmen Briffa, fis-27 ta' Ottubru.

Nitolbu għar-ruħ ta' dawn il-parruċċani li ħallewna

Rita Fenech (baby), fit-22 ta' Settembru.
Anġlu Falzon, fis-27 ta' Settembru.
Carmelo Loporto, fit-30 ta' Settembru.
Pawlu Vassallo, fil-11 ta' Ottubru.
Carmelo Lia, fit-30 ta' Ottubru.

IKLA GĦAD-DILETTANTI TA' L-ARMAR U TAN-NAR TAL-KAŻIN TAL-BANDA 'SAN GABRIEL'

minn Valentino Muscat

Għall-grazzja t'Alla u t'Ommna Marija Santissima Annunzjata, Ħal Balzan għad għandu għadd kbir ta' nies li verament iħobbu l-festa titulari. Dan jixhdu dak kollu li jsir fil-festa tal-Patruna tagħna, kemm f'dak li jsir fil-knisja, kif ukoll dak li jsir barra. Għad għandna wkoll numru sabiħ ta' nies li minbarra li jgħinu finanzjarjament igħinu wkoll fiżikament għax imiddu jdejhom sabiex iżejnu t-toroq u wara jżarmaw dak kollu li jkunu għamlu għall-festa mingħajr ma jitħallsu għal xogħolhom.

Sa minn xahar qabel il-festa dawn id-dilettanti tarahom jiġru mat-toroq tar-raħal tagħna jxerrdu l-mejn ta' l-elettriku u jdendlu l-festuni. Forsi xi ħadd jistaqsi, 'Dan għaliex jibdew iżejnu hekk kmieni?' Għal min ma jafx, Ħal Balzan, jekk forsi mhux l-uniku raħal, iżda żgur li hu wieħed mill-ftit u ftit ferm irħula li għandhom l-affarijiet ta' l-elettriku tagħhom, irrid ingħid kejbils, festuni, lampi, brazzi, u għalhekk ma jkoll-niex bżonn ta' kuntratturi biex jarmaw l-elettriku għall-festa tagħna. Din hija waħda mir-raġunijiet li d-dilettanti jibdew jarmaw kmieni.

Dan huwa xogħol li jrid iż-żmien u dawn id-dilettanti jagħmlu dan ix-xogħol wara li jkunu taw jum xogħol fil-qasam individwali tagħhom. Kulħadd jaf kemm xogħol irid it-tiżjin tal-knisja biex tagħmel dawk id-dwal kollha, b'mod speċjali biex jiddendel id-disinn tal-faċċata li għalih jivvoluntarjaw nies kuraġġużi li jiddendlu fuq pont biex jar-mawh. Wara li dawn id-dilet-tanti jlestu l-elettriku erħil-hom iwaħħlu l-antarjoli, jagħmlu l-pedestalli ta' l-istatwi u l-armar l-ieħor kol-lu. Dawn jibqgħu sejrin b'dan ix-xogħol sa kważi jumejn qabel il-festa. U xogħolhom ma jiqafx hemm għax kif tgħaddi l-festa jibda allura ż-żarmar u l-istivar ta' dak kollu li jkun intrama għall-jiem tal-festa. Il-parti tar-raħal 'il fuq mill-knisja kif ukoll il-knisja jieħdu ħsiebha d-dilettanti tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel', filwaqt li l-parti l-oħra tar-raħal jieħdu ħsiebha d-dilettanti tal-Każin 'Marija Annunzjata'.

M'hemmx għalfejn wieħed igħid li x-xogħol il-kbir jaqa' fuq id-dilettanti tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel', billi dawn minbarra t-tiżjin tat-toroq għandhom ukoll it-tiżjin tal-knisja kif għedt 'il quddiem. Li kieku x-xogħol tat-tiżjin kellu jsir b'nies li jitħallsu ta' xogħolhom kieku l-flus tal-għbir li jsir għall-festa żgur li ma kienux iservu għal dan ix-xogol, aħseb u ara kemm kienu jservu biex iġġib il-baned li llum trid tħallas il-belli liri għalihom. Għalhekk kulħadd jifhem li, li kieku ma kienx is-sagrifiċċju ta' dawn id-dilettanti, ma konniex in-kunu nistgħu nagħmlu festa kbira kif issir fir-raħal tagħna.

Mad-dilettanti ta' l-armar, hemm ukoll id-dilettanti tan-nar, li dan ukoll jinħadem mid-dilettanti tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel'. Dawn b'tant sagrifiċċju u sogru, biex ma nsemmix ukoll il-flus li joħorġu minn buthom, jaħdmu dak in-nar kollu ta' l-arja li jsir fil-festa tagħna u li vera-ment ipaxxi u jissodisfa lil dawk kollha li għandhom il-festa għal qalbhom. Dawn id-dilettanti mhux biss in-nar ta' l-ajru jagħmlu, iżda jagħ-mlu wkoll in-nar ta' l-art. Lil dawn id-dilettanti kollha min-barra li nirringrazzjawhom pubblikament jixirqilhom li jkunu rikompensati mqar b'xi ħaġa żgħira.

Kien għal dan il-għan li nhar il-Ħamis 4 t'Ottubru s-sinjuri Abraham Muscat u Valentino Azzopardi, ta' l-ew-wel li jieħu ħsieb il-festa ta' barra, it-tieni li jieħu ħsieb in-nar tal-festa, it-tnejn f'isem il-Każin tal-Banda 'San Gabriel', laqqgħu d-dilettanti li semmejna u għamlulhom ikla fis-Sala 'Aurora' ġentil-ment mogħtija għal dan l-iskop mill-maħbub kappillan tagħna. B'kollox iltaqgħu mas-sebgħin ruħ. Kienu wkoll pre-żenti għal din l-ikla l-kappil-lan, il-Kan. Carmelo Sciber-ras, ir-Rev. Dun Ġwann Zammit Hammet, direttur spi-ritwali tal-Każin 'San Gabriel', u l-ħabrieki surmast tal-Ban-da Mro. Clemente Sciberras A.Mus.L.C.M. Kien fihom vera-ment għaxqa dawk l-irġiel u ġuvintur b'wiċċ daħkani u f'atmosfera ferrieħa mhux le għax kellhom xi ikla li bħalha qatt ma kellhom daqskemm għax reġgħu ltaqgħu flimkien u hekk, filwaqt li jieklu, jid-diskutu x'l-aħjar li jsir għall-festa ta' wara. Għal dan il-għan saret din l-ikla, sabiex filwaqt li lil dawn id-dilettan-ti tiġi murija ftit ta' rikonox-xenza fl-istess ħin biex l-en-tużjażmu li jinsab fihom ma jintefiex iżda jitħeġġeġ aktar biex il-festa tagħna tmur ak-tar 'il quddiem u b'hekk no-noraw aktar lil Ommna Marija Santissima taħt it-titlu ta' l-Annunzjata.

Dilettanti tal-festa Balzanin, tħallu qatt inin fikom l-inter-ess li għandkom għall-festa għażiża tagħna, u meta tħossu li dan l-interess tagħkom qiegħed jonqsilkom minħabba li l-annati bdew jagħmlu tagħhom, qanqlu l-interess tagħkom fiż-żgħażagħ tagħna sabiex dawn jitħeġġu bħalkom għall-festa tagħna biex din il-festa tibqa' ssir bil-pompa u s-solennita' li jixraq lill-Mis-teru kbir ta' l-Inkarnazzjoni.

ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Minħabba x-xjenza moderna tal-lum intom ixxurtjati wisq aktar mit-tfal li għexu qabil-kom. Tistgħu titgħallmu wisq aktar malajr u b'mod ħafna aħjar minn qabel, billi mhux biss tisimgħu lis-surmast jew lill-papà jgħallimkom iżda wkoll billi taraw films, prog-rammi fuq il-television, u ssibu f'idejkom, bi ftit flus, kotba sbieħ mhux biss fl-istampi iżda wkoll fit-tagħlim li jkun fihom.

Il-films u t-televsion huma mezz kbir ta' edukazzjoni u min jagħraf jużahom tajjeb m'għandu qatt għax jiddis-pjaċih. Il-films huma ta' nteress fihom infushom, iżommuk at-tent u jgħinuk biex malajr tif-takar u b'hekk iżżid it-tagħiim tiegħek.


Minħabba li l-films u l-prog-rammi fuq it-television ikunu magħmula minn bosta nies bravi u kapaċi ma jistax jonqos li ma jiġbdux lil ħafna biex imorru jarawhom, għalhekk bosta drabi dawk li jkunu ħadmu l-films ifittxu aktar il-qligħ tal-flus milli l-ġid tal-poplu.

Intom, għalhekk, bħala tfal bravi, meta tindunaw li t-tali film jew dak il-programm fuq it-television mhux ta' ġid għali-kom kunu kuraġġużi biżżejjed li tgħidu: "Dan mhux tajjeb għalija; mela ma narahx." B'hekk turu tassew kemm għandkom ħila tikkmandaw lil-kom infuskom u kemm intom lesti li taħarbu dak li hu ta' ħsara għalikom.

Għalhekk, għeżież tfal, dawn il-ħwejjeġ sbieħ li l-Bambin, fil-ħniena tiegħu, ried li intom tinqdew bihom għall-ġid, qisu li huma stess ma jkunux ta' ħsara għalikom billi tużawhom ħażin. Tant il-films jew prog-rammi fuq it-television li taraw, kemm ukoll il-kotba li taqraw għandhom iservu mhux għal ħaġa oħra ħlief għall-ġid tar-ruħ kif ukoll tal-ġisem.

Nieħu l-okkażjoni biex ta' veru ħabib tagħkom nixtiqil-kom Milied ferrieħ u hieni u wkoll is-sena tajba.

NOVIZZ BALZANI MAL-M.S.S.P.



Fil-bidu ta' Ottubru ta' din is-sena, issieħeb mas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl iż-żagħżugħ Balzani Sav-iour Caruana, li issa qiegħed jagħ-mel in-novizzjat tiegħu fid-dar li s-Soċjetà għandha fiż-Żebbuġ, Għaw-dex.

Saviour twieled Ħal Balzan fit-23 ta' Jannar 1953, minn Carmelo u Franġiska Caruana. Huwa studja fl-Iskola Primarja ta' Ħal Balzan/Ħal Lija, u mbagħad fil-Kulleġġ tas-Soċ-jetà Missjunarja ta' San Pawl fir-Rabat.

Sunny, għax hekk kien l-aktar magħruf fost sħabu, trabba fis-Soċjetà tal-Museum, u sakemm beda n-novizzjat kien soċju fil-qasam ta' Ħal Balzan. Barra dan, huwa kien ukoll abbati fil-Knisja Parrokkjali tar-raħal u dejjem qeda dmiru bir-reqqa kollha.

Issa li Sunny Caruana beda ħajja ġdida nitolbu 'l Alla għalih sabiex jippersevera fil-vokazzjoni tiegħu.

Genuine Antiques, works of art, second-hand household gods, Boutique and Ladies Hair stylist all under one roof at:

BENNY'S SHOWROOMS

HIGH STREET, BALZAN

Contractors for upholstery, polishing, frame-making and house decorations.

Tel.: 45513

GĦELUQ IL-25 SENA TAL-QANPIENA L-KBIRA F'ĦAL BALZAN

minn ANTHONY FENECH

GĦAL MIN MA JAFX, FIL-KAMPNAR MAJESTUŻ TAL-KNISJA TAR-RAĦAL TAGĦNA, TINSAB IT-TIELET MILL-AKBAR QNIEPEN TA' MALTA LI TIŻEN 55½ QNATAR — IT-TNEJN L-OĦRA HUMA L-KBIRA LI TINSAB FIL-KAMPNAR TAL-BAŻILIKA TA' SANTA LIENA F'BIRKIRKARA U L-OĦRA FIL-KAMPNAR TA' SAN ĠWANN, IL-BELT. F'WAĦDA MILL-ĦARĠIET TAL-GAZZETTA TAGĦNA RAJNA KIF INĠABRU U NĠABU F'ĦAL BALZAN SETT TA' QNIEPEN ISAĦĦRUK; ISSA LI L-QANPIENA L-KBIRA TAGĦLAQ ĦAMSA U GĦOXRIN SENA, HUWA FERM ADDATTAT LI NGĦIDU XI ĦAĠA FUQ IT-TWELID TAGĦHA.

Sewwa sew f'nhar San Valentinu ta' l-1947 il-Kappillan ta' dak iż-żmien, il-Wisq Rev. Mons. Franġesku Saverju Zahra, ippubblika minn fuq l-artal li ser jibda jsir il-ġbir għall-Qanpiena l-Kbira. Huwa kien persważ li l-Balzanin xtaquha l-Qanpiena u daqshekk ieħor kien ċert li huma, bħal f'okkażjonijiet oħra, ma kenux se jibqgħu lura.



IL-QANPIENA L-KBIRA TA' 55 QANTAR U NOFS TIDHER TIELGĦA FIL-KAMPNAR — IL-ĦADD 2 TA' JANNAR 1949.

Is-Sur Valentinu Muscat, is-Surmast tar-raħal, inkariga ruħu li jgħin fil-ġbir u bil-pariri għaqlin tiegħu. Għamel għaxar lotterijiet kbar ħafna; disgħa minnhom biċċiet tad-deheb mill-ifjen, fosthom pendent tad-deheb li jsaħħrek mogħti minn Lonza taż-Żejt, waħda minn dawk il-ħafna Balzanin li kellhom seba' mitt sena sabiex din l-opra sseħħ. Lotterija oħra kienet f'għabura li ngħatat minn Salvu l-Lorbu ta' wara Santa Marija.

L-ammont ta' l-albural beda tiela' ġmielu. Lady Strickland D.B.E. ma baqgħetx lura għax tat £700 u l-Konti Manduca Piscopo Macedonia Zamitt ta £100. Għalhekk il-kuraġġ beda dejjem jikber tant li l-fabbrikant tad-Ditta Paccard ta' Annecy fi Franza, dawk li kienu għamlu l-qniepen il-qodma, ġie mistieden jiġi Malta sabiex ikun jista' jisma' l-qniepen l-oħra jdoqqu u biex isir il-ftehim u l-arranġamenti kollha meħtieġa.

Il-fabbrikant ġie Ħal Balzan nhar Ħadd il-Ġdid ta' l-1948 il-jum li kienet tiġi ċċelebrata l-Lunzjata dak iż-żmien. Fil-moti ta' nofs in-nhar telgħu fuq il-bejt tal-kursija sewwa sew ħdejn is-salib tal-faċċata sabiex jisimgħu l-qniepen waqt mota. L-għażla tan-nota kellha tkun bejn 'la' u 'sol'. Il-Kappillan staqsa l-parir ta' tliet surmastrijiet tal-mużika: is-Surmast Paolo Nani, is-Surmast Ġużeppi Schembri, u s-Surmast Mallia Pulvirenti. Ġie deċiż li n-nota tal-qanpiena kellha tkun 'sol'.

Dik l-istess ġimgħa saret laqgħa f'59 Triq il-Kbira Ħal Balzan, id-dar tal-Kappillan Zahra, li għaliha kienu preżenti l-Kappillan, il-fabbrikant, is-Sur Valentino Muscat, u s-Surmast Paolo Nani, li minn dak iż-żmien 'l hawn baqa' l-Aġent tad-Ditta Paccard.

Il-qanpiena kellha tkun tiswa £1900 li kellhom jitħallsu fi tliet pagamenti — l-ewwel meta jfonduha; it-tieni malli tkun lesta; u l-aħħar malli titlaq għal Malta. Kellha tissemma għal Sant'Anna peress li kien hemm diġa' tnejn imsemmija għal Marija Annunzjata. Il-piż kellu jkun madwar it-53 qantar — fil-fatt dan żdied għal 55½ qnatar. L-armi fuq il-ġebel bħala forom għamilhom il-Kanonku Dun Spiridione Sammut minn Ħal Balzan.

Malli ntordnat il-qanpiena, il-Kappillan reġa' għamel appell għall-ġbir għax barra l-£1900 li kien il-prezz nett tal-qanpiena, kellhom jitħallsu £496 dazju.

Ix-xhur bdew igerbbu; il-qanpiena ddewbet fit-23 ta' Settembru, 1948. Sa dan it-tant il-lotteriji tas-Sur Valentino Muscat ma naqsux; saħansitra dak is-sajf kellu jwarrab fil-ġenb is-safar li



Il-Qanpiena l-Kbira tidher qed titwassal Ħal Balzan fost il-ferħ u l-briju tal-poplu kollu u d-daqq ta' żewġ baned — il-Ħadd 28 ta' Novembru 1948.

tant kien għal qalbu. Iżda s-sajf tal-1948 huwa, flimkien mas-Sinjuri Salvu Brincat, taż-Żebgħa, Anthony Ebejer u Joseph Borg marru Annecy, belt żgħira fuq għadira, fi Franza, sabiex iżuru l-fonderija Paccard. Hemm kellhom laqgħa ssemmix mill-fabbrikant li wrihom id-disinji kollha tal-qanpiena u dawwarhom mal-post kollu.

Il-Qanpiena tlestiet u nġiebet Malta fuq il-Vapur Terpsicore ta' l-Aġenzija Bianchi. Waslet sewwa sew it-Tlieta, 23 ta' Novembru, fil-għodu. Preżenti kienu s-Sinjuri Salvu Brincat u Ġużeppi Sammut, il-Keti. Damet ġurnata fuq barkun. Kien fiha għaxqa tħares lejha tleqq aktar mill-fidda! L-għada ttieħdet quddiem il-bieb ta' Pisani Flour Mills, il-Marsa, minn fejn il-Ħadd ta' wara, jiġifieri t-28 ta' Novembru kellha tinġieb Ħal Balzan. Intrama' trakk minn Salvatore Vassallo ta' Mudest; fuqu kellha tinġieb il-Qanpiena l-Kbira. It-tfal li tpoġġew fuqu lebsin il-mant tal-preċett kienu ħelwin ferm.

Iż-żewġ baned ta' Birkirkara — 'Duke of Connought's Own Band' u 'Saint Helena Band' — kienu f'tarf ir-raħal jistennew il-qanpiena. B'pompa liema bħala l-qanpiena twasslet sal-Knisja fejn tpoġġiet quddiem il-bieb tal-kampnar. Dak in-nhar inbiegħu b'kemm jiswew £35 ritratti tal-qanpiena. Ibiegħu r-ritratti kienu l-Kanonku Dun Spir u s-Sur Valentino Muscat.

Flus sabiex titla' l-qanpiena ma kienx hemm. Il-Kappillan, dejjem għaqli, sab irkaptu ta' kollox. Flus ta' l-oqbra taċ-Ċimiterju, li b'sengħa kbira kienu saru minn Franġisku Sammut tal-Larinġ, marru għall-fondi tal-qanpiena.

Kienet tinħtieġ issa biċċa xogħol liema bħalha. Il-qniepen l-oħra riedu jinbidlilhom posthom. Għal dan l-inkarigu daħlu Mikiel Micallef, is-Sagristan, Mikiel Micallef, il-Boqboq, Ġużeppi Sammut, il-Keti, u Karmnu Zarb, tal-Lakku. It-tieni baqgħet f'postha, ix-xiħa marret flok iż-żgħira, ir-raba' flok ix-xiħa, iż-żgħira mal-ġenb fuq iċ-ċuqlajta, u l-ħames kellha titniżżel isfel sabiex ikun jista' jiswassa' l-ftuħ tat-tieqa li minnu kellha tidħol il-kbira.

Id-Ditta Bezzina qalu lil dan il-gaj li semmejna li la kienu kapaċi jagħmlu biċċa xogħol bħal din setgħu jtellgħuha huma stess il-qanpiena. Id-Ditta Bezzina għalhekk offritilhom il-għodda biss.

Il-Balzanin kienu dlonk ħerqana għall-jum li setgħu jisimgħu t-tokki tal-qanpiena li b'tant sagrifiċċju, fi żmien daqshekk qasir, kienet inġabret kollha.

Iċ-Ċerimonja tat-Tberik tal-Qanpiena saret sewwa sew fl-1 ta' Jannar 1949, li ħabat is-Sibt, minn Mons. Mikiel Gonzi Arċisqof ta' Malta. (1) Il-parrinijiet kienu l-Onorevoli Mrs. H. de Trafford Strickland, li dehret għal Lady Strickland D. B. E., u n-Nobbli Konti Manduca li dak in-nhar inzerta ndispost. Ma kienx hemm fejn taqa' labra! L-armar stess li kellu jtellagħha, għolliha sabiex f'dik il-ħemda jinstemgħu l-ewwel tokki li wrew lill-Balzanin li verament kellhom biex jiftaħru. Tokki ħelwin li damu jdamdmu u jidwu f'widnejn kull min kien preżenti. L-ewwel daqqitha L-Onorevoli Mrs. H. de Trafford, imbagħad l-Arċisqof, u warajh il-Kappillan.

L-għada, il-Ħadd 2 ta' Jannar 1949, wara l-quddiesa kantata (li dak iż-żmien kienet issir fit-8.00 a.m.) il-qanpiena telgħet fil-kampnar. Fir-ritratt wieħed jista' jara l-qanpiena għadha kif waslet fil-ftuħ lesta sabiex tidħol fil-kampnar. Il-ħin fuq l-arloġġ juri sewwa sew l-għaxra neqsin kwart. Wara telgħet il-Ħames f'postha sabiex waqt il-Barka jindaqq it-Te Deum ta' Ringrazzjament lil Alla talli pprovda l-flus għal Qanpiena l-Kbira. Mikiel is-Sagristan ma ċediha lil ħadd dak in-nhar u daqqha h u l-Kbira waqt il-mota tat-Te Deum! In-nies bdew jibku bil-ferħ waqt li bdew jisimgħu d-diwi ħlejju tagħha jimla r-raħal sabiħ tagħna b'noti tant ferrieħa. Wara t-Te Deum, indaqqet il-'Libera' għal dawk il-Benefatturi Balzanin li ma kenux laħqu semgħuha.

Hekk tispiċċa l-istorja tal-Qanpiena l-Kbira tagħna.

Għaddew ħamsa u għoxrin sena minn fuqha! Leħenha sar ħaġa li draha kulħadd! Għall-ewwel li ġiet il-patrijiet Ġiżwiti ta' Birkirkara jgħidulek li kienu jinħallu meta jisimgħuha ddoqq. U veru tafux! L-isbaħ li tinstama' fit-trufijiet tar-raħal — lejn il-linja, in-naħa tal-wied, fejn l-eku tagħha dejjem jikber u qisu m'hu se jmut qatt. Sabiħa tassew il-Qanpiena l-Kbira tar-raħal tagħna! L-ewwel darba li nisimgħuha ddoqq nirringrazzjaw 'l Alla talli ġiet irregalata lilna opra hekk sabiħa minn ftit nies li li kieku ma għamlux sagrifiċċji kbar il-ħolma tagħhom ma kenitx isseħħ!

(1) Times of Malta — 3rd January 1948.

(Ħajr lis-Sur Valentino Muscat tal-ħjiel li tani li mingħajru żgur li ma kontx nasal sabiex nikteb dan l-artiklu).

NIXTRI BOLLI TA' MALTA WŻATI, ENVELOPES U KARTOLINI ANTIKI

Anthony Fenech
'Miele', Annunciation Str.,
Balzan.
Tel.: 40705

MINI MARKET
SELF SERVICE
63, ST. FRANCIS STR.,
BALZAN
Tel.: 44633
You will find everything for your needs and convenience
We wish a Very Happy Christmas and a Bright New Year to all our customers